# EŻAMI GĦALL-INGAĠĠ TA’ SULDATI FIL-FORZI ARMATI TA’ MALTA

*SAMPLE PAPER*

**IL-MALTI** **ĦIN: SIEGĦA**

## Struzzjonijiet lill-kandidati

- **Dan l-eżami jikkonsisti minn TLIET taqsimiet: A, B u Ċ. Aqra sew kull silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA f'kull taqsima (hemm 50 mistoqsija b'kollox).**
- **Kull mistoqsija għandha erba' tweġibiet possibbli, imma WAĦDA biss hija korretta.**
- **Niżżel it-tweġibiet fuq l-*Answer Sheet* ipprovduta. Immarka BISS it-tweġiba t-tajba billi tuża l-lapes.**
  **eż. jekk tagħżel it-tweġiba C, imla ċ-ċirku t-tajjeb kif jidher hawn taħt.**




- **Kull mistoqsija fiha żewġ (2) marki.**

SAMPLE PAPER

## TAQSIMA A

**Aqra s-silta sew u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA (minn 1 sa 15) li jsegwu:**

*"Jekk trid xi darba tisma' storja tajba allura ejja u isma' lin-nanna tirrakkonta." B'hekk jien u ħuti konna nħajru lil tfal bħalna jiġu ħdejna. Kellha ħabta! Araha tintefagħlek fuq siġġu li żgur jaf lil nannietha u ftit wara li jkunu nġabru madwarha t-tfal tintilef f'rakkont jew ieħor. Illum fuq xi qaddis li kien iwettaq mirakli kbar, għada fuq xi annimal li kellu l-ħila jitkellem għax kien kiel frotta mnawra u mimlija dud, ġurnata oħra dwar xi ħares li kienet rat hi u għaddejja minn ħdejn il-midfen tar-raħal f'għaxija xitwija mudlama sewwa. U t-tfal b'għajnhom imberrqin u widnejhom imberrħin biex ma jitilfux kelma waħda milli kienet tgħid. Hemm kienu joqogħdu ssummati quddiemha, x'uħud minnhom saħansitra b'ħalqhom miftuħ beraħ. U hi togħxa tirrakkonta mhux biss b'ilsienha imma b'ġisimha kollu! Issa tgħolli dirgħajja 'l fuq, u daqqa oħra tgħaqqad idejha ponn. Tberraq għajnejha, tidħak, tgħolli leħenha, issa tħarħar, issa twerżaq, issa tbaxxi leħenha u ġġiegħel lit-tfal jiġġebbdu biex ma jitilfux kelma. Insomma ma kinitx biss issamma' leħinha imma bħal attriċi li taf is-sengħa tagħha kienet tirreċta b'ħila li ma bħalha. Minn jaf kemm jien, ħuti u wlied il-ġirien konna nqattgħu l-isbaħ ħin nisimgħuha. Imma, imbagħad, x'ħin taħseb li sar il-ħin kienet tispiċċa l-ġrajja u tgħidilna biex inroddu s-salib ħalli nibdew ngħidu ħames posti. U hawn l-uċuħ tagħna kienu jieħdu xejra inqas imħeġġa!!!*

**Mistoqsijiet**

1. Immarka kelma oħra flok "imnawra"
   a) imħassra
   b) sabiħa
   c) imdellka
   d) kbira

2. In-nanna kienet
   a) tiddejjaq bit-tfal
   b) togħxa tirrakkonta
   c) tgħid fuq in-nies
   d) tiċċajta

3. Liema frażi minn dawn tinsab fl-**istat kostrutt?**
   a) wlied il-ġirien
   b) is-sengħa tagħha
   c) l-isbaħ ħin
   d) ħames posti

SAMPLE PAPER

4. X’inhuma l-għeruq ta’ “midfen”?
    a) M_D_F_N
    b) D_F_N
    c) F_D_ N
    d) M_F_N

5. Fejn kienet toqgħod in-nanna biex tirrakkonta l-ġrajjiet?
    a) fuq is-sodda tagħha
    b) fuq is-sufan
    c) fuq siġġu qadim
    d) fuq iċ-ċint tal-bejt

6. L-oppost ta’ “imberrħin” huwa
    a) miksurin
    b) mitlufin
    c) magħluqin
    d) imkejlin

7. In-nanna kienet “togħxa” għaliex kienet
    a) tinfaqa’ tibki
    b) aljenata
    c) tieħu gost
    d) tkun imdejqa

8. Liema kelma hija **nom** bi pronom mehmuż?
    a) biha
    b) nannietha
    c) mitluqin
    d) xebbgħuna

9. Liema minn dawn hija **aġġettiv superlattiv**?
    a) sabiħ
    b) l-isbaħ
    c) aktar
    d) qosra

10. Minn dak li qrajt fis-silta t’hawn agħżel it-tajba minn dawn li ġejjin
    a) in-nanna ma kinitx tissaporti lit-tfal
    b) it-tfal tal-ġirien kienu jippreferu jilagħbu bil-mowbajl
    c) in-nanna kienet tirrakkonta stejjer ta’ xeħta differenti
    d) kienet tirrakkonta l-ġrajjiet darba fix-xahar

SAMPLE PAPER

11. Liema mill-frażijiet li ġejjin turi li n-nanna kienet il-ħin kollu tiċċaqlaq waqt li tirrakkonta?
    a) tbaxxi leħinha
    b) b'ġisimha kollu
    c) tintilef f'rakkont
    d) tberraq għajnejha

12. Agħżel minn dawn t'hawn taħt li **mhix korretta**.
    a) kienet attriċi tajba
    b) it-tfal kienu l-ħin kollu jiċċaqalqu
    c) kienet tgħid ir-Rużarju
    d) it-tfal kienu jogħġbuhom l-istejjer

13. X'ma tistenniex li ssib f'midfen?
    a) oqbra
    b) twiebet
    c) mużika allegra
    d) deffiena

14. X'tifhem bil-frażi "Kellha ħabta!"?
    a) kienet taħbat mal-affarijiet hi u ħierġa mid-dar
    b) darba kienet f'karozza li ħabtet ma' vann
    c) kienet taf kif sewwa
    d) kellha biċċa flus li llum ma nużawhiex

15. Jekk minn "stqarr" tislet "stqarrija", allura minn "wieġeb" tislet
    a) weġibha
    b) tweġib
    c) tweġiba
    d) weġibna

15 x 2 marki = **30 marka**

SAMPLE PAPER

## TAQSIMA B

**Aqra s-silta sew u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA (minn 16 sa 30) li jsegwu:**

*Vuċi simpatika tinstama' tindirizzah, ħierġa mill-iskrin ta' quddiemu: "Se tieħu ċans?" U hu bilqiegħda komdu fuq is-sufan jibda joħlom. Joħlom bi djar mgħammra mill-isbaħ, karozzi kbar, vaganzi fuq vapuri lussużi, ġiti lejn xi gżejjer eżotiċi... Insomma, joħlom li f'dil-lotterija li jmiss għandu mnejn isir sinjur. U, ngħiduha kif inhi, billi tittanta xortik bi ftit euros fejn tkun se tibqa' jekk ma tirbaħx, mhux hekk? Imma jekk imbagħad jibda jintrikeb minn din il-"ħolma" u saħansitra jgħaddi għal logħob iktar imħawwad bħalma hu dak tal-azzard, allura l-"ħolma" tinbidel fi "ħmar il-lejl" tal-biża'. U dan iwasslu għal tbatija li qatt ma basarha qabel, tbatija għal dawk l-għeżież ta' madwaru u jekk ma jikkontrollax ruħu jista' jispiċċa ħażin ħafna. Xi wħud spiċċaw midjunin u saħansitra spiċċaw ħabtu difrejhom mal-ġustizzja. Bħal kull ħaġa oħra l-moderazzjoni għandha tkun dejjem u f'kull ħaġa.*

**Mistoqsijiet**

16. Liema kelma minn dawn hija **aġġettiv**?
    a) lotterija
    b) saħansitra
    c) eżotiċi
    d) dejjem

17. Liema minn dawn il-kelmiet hija **partiċipju passiv**?
    a) xortik
    b) mgħammra
    c) moderazzjoni
    d) jintrikeb

18. Bil-frażi "ħmar il-lejl" l-awtur irid ifisser
    a) ħmar li jidher bil-lejl
    b) dehra tad-daħk
    c) viżjoni
    d) esperjenza kerha

19. Skont is-silta liema minn dawn is-sentenzi hija t-tajba?
    a) hawn min joħlom waqt l-irqad
    b) il-kittieb jemmen fil-fortuna
    c) ir-riklami fuq il-mezzi ta' komunikazzjoni huma effettivi
    d) m'għandek qatt tkun moderat

SAMPLE PAPER

20. X'inhu l-għerq tal-verb "joħlom"?
   a) J_Ħ_L_M
   b) Ħ_L_M
   c) Ħ_L_L_M
   d) Ħ_L_O_M

21. Il-mistoqsija "Se tieħu ċans?" hija
   a) stqarrija
   b) mistoqsija li ma tolqtokx
   c) mistoqsija rettorika
   d) mistoqsija li ma tifhimhiex

22. Il-kelma "u" hija
   a) nom
   b) aġġettiv
   c) avverb
   d) konġunzjoni

23. Jekk il-gżejjer huma eżotiċi, il-gżira hija
   a) eżotika
   b) erotika
   c) kerha
   d) minsija

24. Dak li qiegħed jara t-televiżjoni jissejjaħ
   a) telespettatur
   b) semmiegħ
   c) awtur
   d) xandar

25. Liema frażi mis-silta turi li xi wħud spiċċaw fl-inkwiet mal-Pulizija?
   a) vaganzi fuq vapuri lussużi
   b) xi wħud spiċċaw midjunin
   c) spiċċaw ħabtu difrejhom mal-ġustizzja
   d) u dan iwasslu għal tbatija li qatt ma basar

26. Logħob tal-azzard ifisser
   a) logħob bi ftit sogru
   b) logħob b'sogru kbir
   c) logħob bejn il-ħbieb
   d) logħob id-dar ma' tal-familja

27. Il-verb "jintrikeb" huwa wieħed
   a) kwadrilitteru
   b) trilitteru
   c) nieqes
   d) trux

SAMPLE PAPER

28. Jekk minn **jikkontrolla** nikteb ma **jikkontrollax,** liema minn dawn hija tajba?
   a) Minn **weġġa'** nikteb **ma nweġġagħx**
   b) Minn **riedu** nikteb **ma rridx**
   c) Minn **ħabbha** nikteb **ma ħabbhiex**
   d) Minn **semma** nikteb **ma nsemmix**

29. Xi jrid ifisser il-kittieb bil-frażi "jibda jintrikeb" kif tinstab fis-silta?
   a) jibda jilgħabha ta' żiemel
   b) isibuh żgħir u ma' jiflaħx għalihom
   c) il-logħob jibda jsir vizzju li ma jikkontrollax
   d) jilgħab ftit kultant bla qatt ma jesaġera

30. Liema verb ġej mit-Taljan?
   a) jgħaddi
   b) imħawwad
   c) joħlom
   d) tindirizzah

15 x 2 marki = **30 marka**

SAMPLE PAPER

## TAQSIMA Ċ

**Aqra s-silta sew u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA (minn 31 sa 50) li jsegwu:**

*Meta jaslu l-ewwel jiem sbieħ, meta l-art tistenbaħ u tlibbes lilha nnifisha bl-aħdar, meta l-arja sħuna, imfewħa, tmellislek il-ġilda, timlielek l-pulmuni u bħal tilħaq lill-fond ta' qalbek, tħoss bħal xenqa mċajpra għal hena mhux magħruf, ħajra biex tiġri 'l hemm u 'l hawn, timraħ bla direzzjoni, tfittex l-avventura, u tibla' sal-qiegħ boqoq ta' arja tar-rebbiegħa. Billi x-xitwa li għadha kif għaddiet kienet qalila wisq, din ix-xewqa rikbitni bi sħiħ fix-xahar ta' Mejju bħal inbid li jsakkar jew tnixxija ta' gomma. Meta qomt għodwa waħda, mit-tieqa rajt, 'il fuq mid-djar tal-qrib, il-firxa kaħlanija bla tarf taqbad bid-dawl tax-xemx. Il-kanarini fil-gaġeġ imdendlin mat-twieqi kienu jgħannu bi sħiħ, ħoss ferrieħi beda tiela' mit-triq, u jien ħriġt b'burdata ta' vaganza, mingħajr ħjiel ta' fejn kont sejjer. Kull min kien għaddej minn ħdejja kien qed jitbissem: ir-Rebbiegħa kienet waslet, id-dawl kien sħajjen u qawwi, u kien hemm l-hena fl-arja. Qisu bħal żiffa ta' mħabba kienet tonfoħ tul il-belt, u n-nisa żgħażagħ li rajt fit-triqat imxedda lbies ta' filgħodu kellhom ħarsa ġwejda f'għajnejhom u grazzja mlajma fiċ-ċaqliq ta' ġisimhom li fawret lil qalbi bi tqanqil qawwi. Mingħajr ma kont naf kif jew għaliex sibtni fuq ix-xatt tas-Seine. Vapuri tal-istim kienu għaddejjin fi triqthom lejn Suresnes u f'daqqa waħda sfajt maħkum b'xenqa li ma titfissirx li mmur niġġerra fil-boskijiet.*

### Mistoqsijiet

31. Is-silta hija ambjentata
    a) fl-Ingilterra
    b) fl-Italja
    c) fi Franza
    d) fl-Iżvezja

32. "Timraħ bla direzzjoni" kif użata fis-silta turi li tkun
    a) taf fejn sejjer
    b) qed issuq bl-addoċċ
    c) qed iddur 'l hawn u 'l hemm
    d) qed tħares bla ma tara

33. L-espressjoni "bħal xenqa mċajpra" hija
    a) sentenza
    b) għajdut
    c) similitudni
    d) mistoqsija retorika

SAMPLE PAPER

34. Liema kelma minn dawn hija **aġġettiv**?
   a) boqoq
   b) boskijiet
   c) ġwejda
   d) xahar

35. Fis-silta li għadek kif qrajt, l-awtur
   a) jissaħħar bir-Rebbiegħa
   b) jiddejjaq fi żmien ir-Rebbiegħa
   c) jippreferi joqgħod id-dar
   d) iħobb imur jgħum

36. "Tistenbaħ" huwa verb. Immarka ta' liema forma hu.
   a) tal-5 forma
   b) tal-1 forma
   c) tal-10 forma
   d) tat-3 forma

37. "Sħajjen" huwa
   a) verb
   b) nom
   c) diminuttiv
   d) pronom

38. "Meta l-art tistenbaħ u tlibbes lilha nnifisha bl-aħdar" juri li
   a) l-art tkun ħarġet mis-sodda
   b) l-art tinkesa bil-ħdura tal-ħaxix u s-siġar
   c) l-art tibda tiżloq
   d) kullimkien ingħata żebgħa ħadra

39. Il-frażi "Vapuri tal-istim" tagħtik x'tifhem li l-ġrajja
   a) seħħet xi sena ilu
   b) hija waħda esaġerata
   c) seħħet ħafna żmien ilu
   d) ma tagħmilx sens

40. Liema minn dawn il-kuluri li ġejjin ma jsibux posthom fis-silta t'hawn fuq?
   a) l-aħdar
   b) l-iswed
   c) l-ikħal
   d) l-aħmar

SAMPLE PAPER

41. L-għerq tal-verb "tilħaq" huwa
   a) T_L_Ħ_Q
   b) L_Ħ_Ħ_Q
   c) L_Ħ_Q
   d) L_Ħ_J_Q

42. "Tiġri" huwa
   a) verb sħiħ
   b) verb kwadrilitteru
   c) verb dgħajjef
   d) verb tar-raba' forma.

43. L-aktar titlu xieraq għal dal-paragrafu huwa
   a) Għodwa fir-Rebbiegħa
   b) Dak inhar li ġġennint
   c) L-ewwel jiem tar-Rebbiegħa
   d) Ir-Rebbiegħa

44. Xi tfisser il-kelma "imxedda"?
   a) imbellha
   b) imdejqa
   c) imlibbsa
   d) morda

45. Eżempju ta' plural miksur huwa
   a) gomma
   b) boqoq
   c) vapuri
   d) boskijiet

46. Il-kittieb intrikeb minn dan kollu għax
   a) kien ilu ma joħroġ
   b) ix-xitwa kienet ħarxa wisq
   c) kellu appuntament urġenti
   d) stenbaħ u ma setax jorqod

47. Meta qam l-ewwel ħaġa li laqtitu kienet
   a) in-nies jiġru barra
   b) ix-xmara Seine
   c) id-dawl tax-xemx f'sema kaħlani
   d) in-nisa żgħażagħ

SAMPLE PAPER

48. In-narratur huwa aktarx ta’ karattru
   a) avventuruż
   b) ferrieħi
   c) morbuż
   d) prużuntuż

49. Għalfejn l-awtur ried jiġġerra fil-boskijiet?
   a) biex jagħmel l-eżerċizzji
   b) biex jaħrab min-nies
   c) għax kien qed jagħmel studju dwar is-siġar
   d) għax hemmhekk fi żmien ir-Rebbiegħa n-natura ħielsa tkun fl-aqwa tagħha

50. Għal xiex taħseb li l-awtur qed jirreferi bil-frażi “hena mhux magħruf”?
   a) ferħ tal-ġenna
   b) ferħ kbir
   c) ferħ li wieħed ma jistax ifisser
   d) ferħ li ħadd ma jaf bih

20 x 2 marki = **40 marka**

**TOTAL: 100 MARKA**

SAMPLE PAPER

# KARTA VOJTA

SAMPLE PAPER

# KARTA VOJTA

SAMPLE PAPER